**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Repubblika ta' Malta**

**-vs-**
**LEANDROSS CUTAJAR, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 389684M**

*Kumpilazzjoni Nru. 351/2024*

Illum, 30 t'April, 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Leandross Cutajar** u ċioe` talli:

**B'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b' riżoluzzjoni waħda:**

**Fil-ħdax (11) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa Triq Ħal-Luqa, Paola, Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:**

1. Ikkommetta serq ta' flus u diversi oġġetti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema serqa saret fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni GCF398 għad-dannu ta' Malcolm Gingell u/jew xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra;

*Artikoli 18, 261(b)(g), 263(a), 271(g) u 278(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin ewro (€250) u dan għad-dannu ta' Malcolm Gingell u/jew xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra;

*Artikoli 18 u 325(1)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

**Ukoll talli ġewwa Triq tal-Labour, Ħaż-Żabbar, Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (19:30hrs) tal-għaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u s-sebgħa ta' filgħodu (7:00hrs) tal-ħdax (11) ta' April tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024):**

3. Ikkommetta serq ta' flus, mowbajl u oġġetti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema serqa saret fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ECA676 għad-dannu ta' Joseph Camilleri u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

*Artikoli 18, 261(b)(c)(g), 263(a), 267, 270, 271(g) u 278(3), 279(a) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin ewro (€250) u dan għad-dannu ta' Luke Azzopardi u/jew xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra;

*Artikoli 18 u 325(1)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

**Ukoll talli fil-ħmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), ġewwa Triq l-Arkata, Paola, Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:**

5. Ikkommetta serq ta' diversi oġġetti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema serqa saret fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ABS673 għad-dannu ta' Luke Azzopardi u/jew xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra;

*Artikoli 18, 261(b)(g), 263(a), 271(g) u 278(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

6. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin ewro (€250) u dan għad-dannu ta' Luke Azzopardi u/jew xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra;

*Artikoli 18 u 325(1)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

**Ukoll talli fid-dsatax (19) ta' April tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), ġewwa Triq Dom Mintoff, Bormla, Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:**

7. Ikkommetta serq ta' flus u sett ċwievet, liema serq u kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema serqa saret fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FFI222 għad-dannu ta' Alfred Micallef u/jew xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra;

*Artikoli 18, 261(b)(g), 263(a), 271(g) u 278(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

8. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin ewro (€250) u dan għad-dannu ta' Alfred Micallef u/jew xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra;

*Artikoli 18 u 325(1)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

**Ukoll talli fid-disgħa (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), ġewwa Triq Wied Blandun, Paola, Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:**

9. Bil-ħsieb li jagħmel delitt, u ċioe serq, wera dan il-ħsieb b' atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tas-serq, liema serq ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu, liema serq kieku ġie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u dan fuq il-vetturi bin-numru ta' reġistrazzjoni CCG951 u DCS427 għad-dannu ta' Maronia Mangion u Joseph Caruana u/jew xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra;

*Artikoli 18, 41(1)(a), 261(b)(g), 263(a), 271(g) u 278(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

10. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin ewro (€250) u dan għad-dannu ta' Maronia Mangion u Joseph Caruana u/jew xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra;

*Artikoli 18 u 325(1)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

**Ukoll talli fl-erbatax (14) ta' April tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), ġewwa Triq Kordin, Paola, Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:**

11. Bil-ħsieb li jagħmel delitt, u ċioe serq, wera dan il-ħsieb b' atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tas-serq, liema serq ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu, liema serq kieku ġie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni TAM214 għad-dannu ta' Tamara Muscat u/jew xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra;

*Artikoli 18, 41(1)(a), 261(b)(g), 263(a), 271(g) u 278(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

12. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin ewro (€250) u dan għad-dannu ta' Tamara Muscat u/jew xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra;

*Artikoli 18 u 325(1)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex titratta lill-imputat Leandross Cutajar bħala reċidiv u dana permezz ta' diversi sentenzi tal-Qorti li issa saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu u dan ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex, fil-każ ta` ħtija, barra milli tapplika il-piena skond il-Liġi, meta tagħti s-sentenza tordna lil-ħati sabiex jirrestitwixxi lil partijiet offiżi kull ħaġa minnu misruqa bi ħsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat jew li jħallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jiġi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra u dan ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta miżmuma nhar l-24 t'April, 2024, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-istess Kodiċi, u cioe` wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hu ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried seta jerġa lura minnha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu kif minnu ammessi.

**Il-Piena**

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat li ngħatat mal-ewwel opportunita tiegħu, il-kowoperazzjoni li wera mal-uffiċjali investigattivi, in-natura tal-imputazzjonijiet li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-fedina penali ikkulurita tiegħu li taf il-bidu tagħha fl-2003, kif ukoll taċ-ċirkostanzi tal-każ mhux anqas kif dawn ir-reati twettqu sabiex jiffinanzja l-vizzju qerriedi ta' droga li ilu żmien maħkum minnu.

Ghalkemm hu minnu li l-imputat għandu jingħata ċans ieħor biex jissielet ma din il-marda, daqstant ieħor hemm bżonn li jsir dan f' ambitu kontrollat minn fejn għandu wkoll iservi biex ipatti għall-għemilu waqt li jingħata l-għajnuna kollha li l-Faċilita offriet persuni oħra bħalu fil-passat biex illum huma riformati w ħielsa mill-vizzju li wassalhom wara l-kanċelli tal-inkarċerazzjoni. Jingħad li bl-għemil tiegħu isibu applikazzjoni l-artikoli 18, 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali

Finalment ittieħed konsiderazzjoni tal-fatt li r-reati ravviżati bl-imputazzjonijiet numru tnejn (2), erba' (4), sitta (6), tmienja (8), għaxra (10) u tnax(12) servew ta' mezz ai fini għar-reati ravviżati bl-imputazzjonijiet numru wieħed (1), tlieta (3), ħamsa (5), seba' (7), disa' (9) u ħdax (11).

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tilliberah mill-addebitu tar-reċidiva, wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 41(1)(a), 49, 50, 261(b)(ċ)(g), 263, 264, 265, 267, 271(g), 278(1)(2)(3), 279(a), 280(2) u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu w tikkundannah għal **tlett (3) snin priġunerija** li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li l-imputat għamel f'arrest preventiv.

Ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, qegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett snin sabiex jingħata l-għajnuna kollha neċessarja biex jiegħleb il-vizzju tad-droga anke billi immedjatament isir dak kollu meħtieġ sabiex jidħol fi programm.

Finalment ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**